# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**Magistrat**
**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can.)**

**Seduta mizmuma llum, 16 ta' Novembru 2016**

**Rikors Numru: 986/15/1 CSH**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju**
**Numru 986/2015 GV fl-ismijiet:**

**Yana Grech**

**vs**

**Ludwig Calleja u martu Claire Calleja**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors prezentat minn Ludwig u martu Claire Calleja fis-26 ta' Lulju, 2016 fejn esponew:

1. *Illi nhar is-27 ta' April 2015, Yana Grech (K.I. Nru.: 346787M) ipprezentat mandat ta' sekwestru kawtelatorju fl-ismijiet premessi kif jirrizulta mill-kopja hawn annessa ghall-ammont ta' €10,633.66 u mmarkata Dok. LC1, liema mandat gie akkordat minn din l-Onorabbli Qorti fl-istess jum.*

2. *Illi l-esponenti jixtiequ jipprevalixxu ruhhom mid-dritt moghti lilhom ai termini tal-Artikolu 836(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u jitolbu r-revoka tal-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet premessi.*

3. *Illi huma qed jibbazaw it-talba taghhom fuq id-disposizzjonijiet b sa f tal-artikolu hawn qabel citat.*

4. *Illi fil-fatt kif diga' rrizulta fil-kawza fl-istess ismijiet bin-numru 188/2015 quddiem din l-istess Onorabbli Qorti, u dan fi stadju tal-provi tal-attrici nnifisha, il-flejjes minnha mhallsa u li taghhom qed titlob ir-rifuzjoni ma gewx imhallsa biss lill-esponenti Ludwig Calleja izda parti minnhom thallsu lil Keith Balzan Gera (K.I. Nru.: 502789M), liema persuna l-esponenti talbu l-kjamata in kawza tieghu.*

5. *Illi in oltre rrizulta li l-ebda pagament ma sar lill-esponenti Claire Calleja li hija il-mara tal-esponent Ludwig Calleja u ma kellha l-ebda involvement fil-mertu tal-kawza innifisha, li tirrelata obbligazzjonijiet li jitrattaw esklussivament in-negozju li l-istess Ludwig Calleja kellu ma' l-imsemmi Keith Balzan Gera.*

6. *Illi in oltre l-esponenti Ludwig Calleja ghandu assi bizzejjed sabiex jaghmel tajjeb ghall-kreditu vantat minn Yana Grech fil-konfront tieghu liema assi jikkonsistu fi flejjes depozitati a favur tieghu fir-Registru tal-Qrati Civili u dan permezz ta' zewg cedoli, wahda pprezentata fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili bin-numru 634/16 fl-ammont ta' €20,635.68 (Dok. LC2) u l-ohra fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bin-numru 1144/13 (Dok. LC3).*

7. *Illi ghal dak li jirrigwarda Dok. LC2 l-esponenti Calleja igawdi minn titolu ezekuttiv ghas-somma ta' €19,000 oltre ghal imghax u spejjez kontra Keith*

*Balzan Gera u fil-fatt ic-cedola in kwistjoni saret wara li l-esponent ottjena l-hrug ta' mandat ta' sekwestru ezekuttiv bin-numru 574/16 (Dok. LC4).*

8. *Illi ghal dak li jirrigwarda Dok. LC3, din tittratta kawza deciza fl-ismijiet Ludwig Calleja vs Carol Urry deciza fil-Prim' Istanza nhar it-28 ta' Jannar 2015 fejn l-esponent gie kanonizzat kreditur fis-somma ta' €2000 bl-imghax legali mill-5 ta' Gunju 2013, mil-liema sentenza d-debitrici ntavolat appell bin-numru 341/2013/1 liema appell ghadu mhux appuntat (Dok. LC5).*

9. *Illi dawn il-flejjes hekk depozitati joffru garanzija xierqa bizzejjed lil Yana Grech ghall-eventwali ezekuzzjoni tal-kreditu minnha vantat u dan ghaliex l-esponenti ma ghandu l-ebda opposizzjoni anzi joffri li l-istess Yana Grech tithallas direttament minn dawn il-flejjes dovuti lilu minn terzi.*

10. *Illi ghalhekk mhux talli mill-provi prezentati mill-attrici nnifisha l-ammont minnha rikjest m'huwiex prima facie gustifikat ghaliex fil-fatt hija hallset lil Keith Balzan Gera izda wkoll l-istess Yana Grech ma sthoqqilhiex turi bizgha fondat ta' xi pregudizzju fi stadju ta' ezekuzzjoni tal-kreditu minnha vantat u ghalhekk ma hemmx htiega li l-mandat fl-ismijiet premessi jibqa' fis-sehh.*

*Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha ai termini tal-artikolu 836(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta tirrevoka fl-intier tieghu il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 986/2015 fl-ismijiet Yana Grech vs Ludwig Calleja u martu Claire Calleja u dan taht dawk il-pattijiet u l-kundizzjonijiet li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.*

Rat ir-risposta ta' Yana Grech ghar-rikors intavolat fl-Atti tas-Sekwestru Kawtelatorju numru 986/2015, l-istess Yana Grech fejn eccepiet:

*Illi hija qed topponi bl-akbar qawwa ghat-talba tar-rikorrenti f'dan ir-rikors stante illi l-istess talba hija nfundata fil-fatt u fid-dritt u li jekk is-Sekwestru msemmi ma jibqax in vigore, d-drittijiet tal-esponenti, jekk semmai jigu eventwalment kanonizzati minn din l-Onorabbli Qorti, ser jigu lezi b'mod irrimedjabbli;*

*Illi fl-ewwel lok u minghajr pregudizzju, l-esponenti qed teccepixxi n-nullita' ta' dan ir-rikors stante li d-dokumenti li gew ezebiti ma' dan ir-rikors u eventwalment notifikati lilha, m'humiex kopja legali u awtentikata tad-dokumenti li l-istess rikorrenti qieghed ostensibilment jibbaza t-talbiet infundati tieghu;*

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk il-Qorti tawtorizza r-revoka ta' Mandat ta' Sekwestru in kwistjoni, dan ifisser li r-rikorrenti jkollu l-liberta' kollha sabiex jizbanka c-cedoli ta' depositi esebiti (dejjem jekk dawn ic-cedoli jirrizultaw li fil-fatt huma legali u awtentici u dan in vista tal-fatt li s'issa ma saret l-ebda prova f'dan ir-rigward da parti tal-istess rikorrenti), u l-istess esponenti, f'kaz li din il-Qorti tiddeciedi li tilqa' t-talbiet kif espressi f'dan ir-rikors, tibqa' tiddependi biss mill-*buona volonta' *tal-istess rikorrenti, liema* buona volonta' *s'issa kienet, to say the least, totalment mankanti fir-rigward tal-istess rikorrenti u l-istess esponenti tista' potenzjalment tibqa' skoperta, minghajr ebda mod li bih tkun tista' tinforza d-drittijiet taghha fil-konfront tal-istess rikorrenti, specjalment jekk il-fondi provenjenti mic-cedoli msemmija ma jithallewx fis-sistema bankarja da parti tar-rikorrenti;*

*Illi minghajr pregudizzju, tajjeb li wiehed jinnota li c-cedoli (dejjem suggett ghal dak li ntqal fuq fir-rigward tal-awtenticita' tal-istess cedoli) in kwistjoni ma jaghmlux parti mill-atti tas-Sekweswtru Kawtelatorju li tieghu qed tintalab ir-revoka mir-rikorrenti;*

*Illi l-malafede da parti tar-rikorrenti fil-konfront tal-esponenti hija cara u manifesta, tant li l-esponenti ma tistax tissogra li d-drittijiet potenzjali taghha ma jigux kawtelati bl-akbar mod ampju u gust;*

*Illi l-istess malafede da parti tar-rikorrenti tidher cara mill-fatt li dan ir-rikors gie ntavolat proprju issa, wara li l-esponenti stinkat kemm felhet sabiex issir taf fejn fil-fatt jahdem ir-rikorrenti u nnotifikat lill-employer tieghu bl-istess sekwestru, meta l-istess sekwestru fil-fatt gie mahrug ghall-ewwel darba f'April 2015;*

*Illi qabel ma l-employer tar-rikorrenti ma gie notifikat bis-Sekwestru li tieghu qed tintalab ir-revoka, l-istess rikorrenti ghazel li ma jaghmel xejn fir-rigward, u njora ghal kollox l-istess Sekwestru sakemm fil-fatt l-employer tieghu gie notifikat u b'hekk beda jhoss xi ftit l-effetti tas-Sekwestru msemmi;*

*Illi b'dak li qed ir-rikorrenti f'Punt 4 tar-Rikors tieghu, u cioe' li parti tal-flejjes thallsu mill-esponenti lil Keith Balzan Gera, hija biss nofs verita'li biha r-rikorrenti fi spirtu tal-malafede li biha dejjem mexa fil-konfront tal-esponenti, qieghed jipprova jinganna lil din l-Onorabbli Qorti billi ma jghidx li l-flejjes thallsu, fil-fatt thallsu fuq struzzjonijiet specifici tal-istess rikorrenti, Ludwig Calleja – haga li l-istess rikorrenti, Ludwig Calleja, ma dehrlux li kienet important bizzejjed biex jigbed l-attenzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti dwarha;*

*Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-esponenti tixtieq tigbed l-attenzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti li bejn ir-rikorrenti, Ludwig Calleja, u Keith Balzan Gera, kien hemm relazzjoni ta' partnership, u in vista ta' dan it-tnejn li huma huma joint and severally liable tad-djun ta' xulxin;*

*Illi din il-joint and several liability, taghti d-dritt lill-esponenti li taghzel hi liema miz-zewg shab (ir-rikorrenti Ludwig Calleja u Keith Balzan Gera) tmexxi bi proceduri gudizzjarji kontra tieghu;*

*Illi f'dan il-kaz, l-esponenti ma kellhiex ghazla ohra milli taghzel li tipprocedi kontra r-rikorrenti, Ludwig Calleja, ghas-semplici fatt li hi dejjem innegozjat u ddiskutiet mal-istess rikorrenti, Ludwig Calleja, x'ghandu jsir bhala xoghlijiet fl-appartament taghha;*

*Illi b'dak li qal ir-rikorrenti f'Punt 5 tar-Rikors tieghu, u cioe' li martu, Claire Calleja, qatt ma rceviet flejjes ma' jista' b'ebda mod jigi accettat bhala raguni valida sabiex jigi rrevokat dan il-Mandat, u dan stante li l-istess Claire Calleja hija ko-partecipi u ko-proprjetarja tal-assi kollha tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet;*

*Illi b'dak li qal ir-rikorrenti f'Punt 6 tar-Rikors tieghu, u cioe' li r-rikorrenti, Ludwig Calleja, ghandu assi bizzejjed sabiex jaghmel tajjeb ghall-kreditu vantat mill-esponenti, ma jista' qatt jigi accettat bhala raguni valida biex jigi revokat il-Mandat ta' Sekwestru in kwistjoni stante illi jekk jigi fil-fatt revokat tali mandat, ma jkun hemm xejn biex jikkawtela d-drittijiet tal-esponenti u m'hemm xejn x'jimpedixxi lir-rikorrenti, Ludwig Calleja, milli ma jhallix il-fondi tac-cedoli fuq imsemmija f'ismu jew fis-sistema bankarja bhala kawtela ghall-ammont mitlub mill-esponenti;*

*Illi b'dak li qal ir-rikorrenti f'Punt 7 tar-Rikors tieghu, fejn l-istess rikorrenti, Ludwig Calleja, ghamel referenza ghac-Cedola ta' Depositu (Dokument LC2), tajjeb li jigi rrilevat li l-istess cedola ma tinsabx depositata fl-atti ta' dan is-Sekwestru, bil-konsegwenza li jekk dan is-Sekwestru jigi revokat, l-esponenti ma jkollha xejn fuq xhiex taqa' jekk din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li ghandha tilqa' t-talbiet taghha, peress illi ma jkun hemm xejn x'jimpedixxi lir-rikorrenti*

*biex jizbanka tali cedoli, minghajr ma jizgura li l-ammont vantat mill-esponenti jigi kkawtelat kif suppost;*

*Illi b'dak li qal ir-rikorrenti f'Punt 8 tar-Rikors tieghu, u cioe' li r-rikorrenti ghandu sentenza favur tieghu fil-konfront ta' certu Carol Urry, tajjeb li jigi rilevat li l-istess sentenza ghadha sotto appello u ghalhekk zgur u b'ebda mod ma tista' titqies li tista' b'xi mod tiggarantixxi l-ammont mitlub mill-esponenti;*

*Illi b'dak li qal ir-rikorrenti f'Punt 9 tar-Rikors tieghu, u cioe' li r-rikorrenti ghandu ammonti dovuti lejh minn terzi u ghalhekk l-ammont dovut mill-esponenti huwa b'xi mod kawtelat, assolutament ma jaghmel ebda sens, u dan peress li l-ammont dovut lill-esponenti, jekk semmai jigi kanonizzat minn din l-Onorabbli Qorti, jkun ammont ostensibilment dovut biss mir-rikorrenti u b'ebda punt ma'ghandu l-istess rikorrenti jdahhal terzi u l-ammonti dovuti minnhom lejh fir-rigward t'ammont dovut lill-istess esponenti;*

*Illi b'dak li qal ir-rikorrenti f'Punt 10 tar-Rikors tieghu, u cioe' li primae faciae, d-drittijiet tal-esponenti huma b'xi mod kawtelati, ma jista' qatt jigi accettat bhala raguni valida biex jigi revokat is-Sekwestru msemmi, stante li l-ammonti li qed jaghmel referenza ghalihom l-istess rikorrenti f'dan ir-rikors huma ammonti li m'humiex depositati fl-Atti ta' dan is-Sekwestru;*

*Ghaldaqstant l-esponenti in vista tas-suespost u in vista tal-provi li jistghu eventwalment jingiebu waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tichad ir-rikors kif intavolat u thalli in vigore l-istess Sekwestru sabiex id-drittijiet tal-esponenti ma jigux lesi rrimedjabilment.*

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti rat l-atti li gewipprezentati flimkien mar-rikors promotur u principalment ic-cedola ta' depozitu datata 27 ta' April 2016 maghmula minn Keith Balzan Gera fil-konfront tar-rikorrent odjern fejn iddepozita s-somma ta' ghoxrin elf, sitt mija u hamsa u tletin Ewro u tmienja u sittin centezmu (€20,635.68) wara li kien gie notifikat b'mandat ta' sekwestru ezekuttiv ipprezentat mir-rikorrenti odjerna.

Illi din il-Qorti rat dak li gie verbalizzat fis-seduta tas-26 ta' Ottubru 2016 fejn inghad is-segwenti:

"*Dr. Franco Galea jiddikjara li l-patrocinat tieghu Ludwig Calleja kien ipprezenta Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv numru 574/16 fil-konfront ta' Keith Balzan Gera.*

*Illi dan il-Mandat kien gie notifikat lill-istess Keith Balzan Gera u in segwitu' kien gie depozitat permezz ta' Cedola ta' Depozitu bin-numru 634/16 l-ammont ta' ghoxrin elf, sitt mija u hamsa u tletin Ewro u tmienja u sittin centezmu (Euro20,635.68).*

*Illi Dr. Galea jintrabat ghall-patrocinat tieghu prezenti, li jaderixxi ruhu mal-istess, li ma jirtirax dawn il-flejjes qabel ikun hemm ezitu finali tal-proceduri intavolati fir-rikors Numru 188/15 CSH fl-ismijiet Yana Grech vs Ludwig Calleja et.*

*In vista ta' din id-dikjarazzjoni, Dr. Joseph P. Bonello ghan-nom ta' Yana Grech qed jirrimetti ruhu ghat-talba rikorrenti sabiex jinhareg Kontro-Mandat fuq il-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Numru: 986/15 fl-ismijiet Yana Grech vs Ludwig Calleja et*".

Rat ghalhekk li r-rikorrenti huwa lest li jaghti din ic-cedola ta' depozitu bhala garanzija ghall-allegat kreditu tal-intimata kif pretiz minnha fil-kawza rikors numru 188/15CSH fl-ismijiet 'Yana Grech vs Ludwig Calleja et'.

Rat illi ghalhekk l-materja li ghandu jigi trattat fir-rikors odjern illum jinsab sorvolat stante li l-pretensjoni tal-intimata Yana Grech illum tinstab kawtelata permezz tal-flejjes li jinsabu depozitati l-Qorti permezz tac-Cedola ta' Depositu Numru 634/16 fl-ammont ta' ghoxrin elf, sitt mija u hamsa u tletin Ewro u tmienja u sittin centezmu (€20,635.68).

Illi l-Artikolu citat mis-sekwestrat u cioe' l-Artikolu 836(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi illi att kawtelatorju jista' jigi revokat, sew ghal kollox jew f'parti minnu jekk*:*

*"jkun hemm garanzija xierqa ohra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-hrug tal-att kawtelatorju sew bil-hrug ta' att kawtelatorju iehor, jew inkella jekk dik il-garanzija ohra tista`* **ghas-sodisfazzjoni tal-qorti**[1] *tassigura bizzejjed il-pretensjoni"*

Skond is-sub artikolu (f) tal-artikolu 836 (1) **m*'huwiex gustifikat:***[2]

*"jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli"*

Ghalhekk l-iskop tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju fuq il-kontijiet bankarji tar-rikorrenti llum m'ghadx ghandu ghalfejn jibqa' in vigore stante li l-pretensjonijiet ta' l-intimata huma ben kawtelati.

[1] Enfasi tal-Qorti
[2] Enfasi tal-Qorti

**Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tordna l-hrug tal-kontro-mandat relattiv ghall- Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju numru 986/2015 fl-ismijiet 'Yana Grech vs Ludwig Calleja et' u dan a spejjez tal-istess intimata.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez ta' dan ir-rikors jibqghu bla taxxa.**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Graziella Attard**
**Deputat Registratur**